**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 14 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Agius**

**Vs**

**Rodrick Grima**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Rodrick Grima ta' 28 ta' sena, bin Grezzju u Filippa nee' Barbara, imwieled Pieta' fis-7 ta' Marzu 1988, residenti 40, Triq ic-Cimiterju, Zabbar, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 136688M;

Talli fid-9 ta' Gunju 2016 u fil jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda gewwa Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer:

1) F'xi post pubbliku qaghad jimmolesta lin-nies biex jittallab il-karita;

2) U talli fid-9 ta' Gunju 2016 ghall-habta tas-14:45hrs gewwa Misrah, iz-Zebbug, Hal-Qormi w f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' rota liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz ghad-detriment ta' Vincente Atta u/jew persuni ohra;

3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur globali ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wara li kien ikkundannat f'Malta ghal-serq, kien fil-pussess t'oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta' kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu;

5) U aktar talli nhar id-9 ta' Gunju 2016 ghall-habta tas-18:30hrs gewwa l-Floriana u f'dawn il-Gzejjer harab mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana meta dan kien mizmum skond il-Ligi;

6) U aktar talli nhar it-8 ta' Gunju 2016 ghall-habta tat-15:30hrs gewwa Triq San Edwardu, Qormi u f'dawn il-Gzejjer ittanta li jisraq min go vettura ghad-dannu t'Antoinette Gellel u jew persuna/i ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu liema attentat ta' serq huwa aggravat u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-14 ta' Gunju 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tikkunsidra l-mertu u l-provi migjuba quddiemha, izda tista' tghaddi minnufih ghal dikjarazzjoni ta' htija u tipprocedi ghas-sentenza. Dwar piena, il-Qorti hi mhassba ferm li ghandha quddiemha zaghzugh li gia' ghandu fedina penali refrattarja u, aktar minn hekk, problemi serji hafna gejjin mid-dipendenza fuq droga, liema effetti huma vizibbli sew, jekk mhux addirittura gia' wasslu ghal dannu psikologiku u mentali permanenti fl-imputat. Ghalhekk il-Qorti ser taghtih piena ta' prigunerija effettiva, bl-isperanza li l-imputat ikun jista' jibda programm minn gewwa l-habs u jiehu l-kura necessarja li ghandu tant bzonn.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 287, 334 u 338(x) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tikkundannah ghal sena prigunerija.

Inoltre l-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva sabiex tipprovdi kull assistenza mehtiega lill-imputat kif hawn fuq indikat.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**